QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

Il-Gimgha 27 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.**

33.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologija.

**33.2 Ittra li l-Kunsill ircieva mingħand l-Avukat Joshua Grech bil-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) b'referenza numru 232/2018 dwar l-incident li seħħ fit-18 ta' Lulju 2017.**

33.2.1 Is-Segretarja qrat l-ittra li l-Kunsill ircieva mingħand l-Avukat Joshua Grech bil-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) b'referenza numru 232/2018 dwar l-incident li seħħ fit-18 ta' Lulju 2017 fejn korra Joseph Buttigieg haddiem assenjat mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Din l-istess ittra ntbgħatet ukoll lill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*, lil District Operations Limited u lil Paul Buttigieg ta' 135, Triq il-Kuncizzjoni, Qala. Fl-ittra gie mitlub hekk:

33.2.2 "Għaldaqstant, permezz tal-prezenti, il-mittenti qiegħed jinterpellakom sabiex intom jew min minnkom tersqu għall-likwidazzjoni ta' danni u telf ta' qliegħ sofferti mill-mitteni per konsegwenza ta' dan l-incident, kif ukoll għall-ħlas ta' l-istess, u dan sa mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem min-notifika lilkom ta' dan l-att."

33.2.3 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li huwa ser jirrispondi l-ittra bl-Avukat personali tiegħu. Il-kumplament tal-Kunsill iddecida li jirrispondi li dan ma kienx xogħol ta' Kunsill u lanqas biss kien jaf b'dan ix-xogħol. Gie deciz li qabel ma tintbgħat risposta, il-Kunsill għandu jara *draft* tal-ittra li ser tigi ppreparatha mill-Avukata tal-Kunsill.

33.2.4 Giet moqrija wkoll ittra li l-Kunsill kien ircieva mingħand l-Avukat Joshua Grech datata 26 ta' Marzu 2018 fejn kiteb għan-nom ta' Joseph Buttigieg, dwar din l-istess materja.

Gie trattat rapport li gie ppreparat mis-Segretarja Ezekuttiva dwar il-propost gemellagg bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Canale Monterano, l-Italja. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

**33.3 Tmien tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.3.1. Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 4 ta' Settembru 2018

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva